Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2210(INI)

10.6.2026

EMENDI
1 - 171

Abbozz ta' rapport
Kinga Kollár
(PE781.467v01-00)

L-approċċ tal-UE għall-politika tat-taxxa korporattiva f'ambjent internazzjonali li qed jinbidel
(2025/2210(INI))

Emenda 1
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli tal-Kummissjoni li jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni Ewropea biex tingħata spinta lill-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali,

Or. en

Emenda 2
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni Ewropea bl-għan li jiġu proposti soluzzjonijiet għal akkomodazzjoni deċenti, sostenibbli u affordabbli,

Or. en

Emenda 3
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tassazzjoni hija fattur determinanti ***fil-kompetittività*** globali ***tal-kumpaniji tal-UE***; billi tassazzjoni korporattiva ġusta, effiċjenti u sempliċi	A. billi t-tassazzjoni hija fattur determinanti ***biex jiġu żgurati l-ekwità u kundizzjonijiet ugwali għall-kumpaniji li jikkompetu fl-ekonomija*** globali; billi

għandha rwol ċentrali fl-iżgurar ***tat-tkabbir ekonomiku fit-tul*** u fl-għoti ta' riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri biex ***jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nfiq tagħhom***;

tassazzjoni korporattiva ġusta, effiċjenti u sempliċi għandha rwol ċentrali ***fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku tal-UE, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,*** fl-iżgurar ***tal-koeżjoni soċjali*** u fl-għoti ta' riżorsi suffiċjenti ***u stabbli*** lill-Istati Membri biex ***jiffinanzjaw il-beni pubbliċi u l-investimenti meħtieġa***; ***billi riċerka reċenti[1a] tindika li tassazzjoni korporattiva ġusta u effettiva tista' tappoġġja impjiegi ta' kwalità u tnaqqas l-inugwaljanza;***

1a

https://publicservices.international/resources/publications/corporate-taxation-and-employment-dispelling-the-race-to-the-bottom-myth?lang=en&id=15686&showLogin=true

Or. en

Emenda 4
Arba Kokalari, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tassazzjoni hija fattur determinanti fil-kompetittività globali tal-kumpaniji tal-UE; billi tassazzjoni korporattiva ***ġusta***, effiċjenti u sempliċi għandha rwol ċentrali fl-iżgurar tat-tkabbir ekonomiku fit-tul u fl-għoti ta' riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nfiq tagħhom;	A. billi t-tassazzjoni hija fattur determinanti fil-kompetittività globali tal-kumpaniji tal-UE; billi tassazzjoni korporattiva ***baxxa***, effiċjenti***, prevedibbli*** u sempliċi għandha rwol ċentrali fl-iżgurar tat-tkabbir ekonomiku fit-tul***, fit-tħeġġiġ tal-investiment*** u fl-għoti ta' riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nfiq tagħhom;

Or. en

Emenda 5

Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tassazzjoni hija fattur ***determinanti*** fil-kompetittività globali tal-kumpaniji tal-UE; billi tassazzjoni korporattiva ġusta, effiċjenti u sempliċi għandha rwol ċentrali fl-iżgurar tat-tkabbir ekonomiku fit-tul u fl-għoti ta' riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nfiq tagħhom;	A. billi t-tassazzjoni hija fattur ***sinifikanti*** fil-kompetittività globali tal-kumpaniji tal-UE; billi tassazzjoni korporattiva ġusta, effiċjenti u sempliċi għandha rwol ċentrali fl-iżgurar tat-tkabbir ekonomiku fit-tul u fl-għoti ta' riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nfiq tagħhom;

Or. en

Emenda 6
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-evitar tat-taxxa korporattiva u t-trasferiment tal-profitti għandhom effett distributtiv sinifikanti, inaqqsu d-dħul pubbliku u jpoġġu l-piż fiskali fuq il-ħaddiema, l-SMEs u l-unitajiet domestiċi, u b'hekk jaggravaw l-inugwaljanzi, idgħajfu l-finanzjament ta' servizzi pubbliċi essenzjali u jdgħajfu l-fiduċja fil-ġustizzja tas-sistema tat-taxxa; billi r-riċerka empirika turi li regoli aktar dgħajfa kontra l-evitar tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt korporattiv huma assoċjati ma' telf ta' impjiegi dimostrabbli fl-operat ta' kumpaniji multinazzjonali fis-swieq domestiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 7

Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni ***fiskali*** fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC);	B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' ***fil-biċċa l-kbira*** kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni ***tat-taxxa*** fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC); ***billi r-rekwiżit tal-unanimità għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar it-tassazzjoni spiss xekkel il-progress fl-inizjattivi tat-taxxa komuni, filwaqt li llimita l-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi globali tat-taxxa, tiġġieled l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa u tiżgura tassazzjoni ġusta fis-Suq Uniku;***

Or. en

Emenda 8
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-	B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri***, l-azzjoni fil-livell tal-UE tkompli taqdi rwol essenzjali, b'mod partikolari permezz ta' direttiv li għandhom l-għan li jiġġieldu l-evitar tat-taxxa (ATAD) u li jsaħħu l-***

evażjoni fiskali fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS***, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC)***;

kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa (DAC), filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS;

Or. en

Emenda 9
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC);	B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali ***esklużiva u fundamentali*** tal-Istati Membri, ***li trid tiġi rispettata bis-sħiħ;*** filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC);

Or. en

Emenda 10
Regina Doherty, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC);	B. billi t-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali ***esklużiva*** tal-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni korporattiva internazzjonali hija rregolata minn sett kumpless ta' trattati bilaterali dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali fir-rigward tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kapital, magħrufa bħala ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja, kif ukoll strumenti multilaterali għall-prevenzjoni tal-BEPS, u direttivi tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva (DAC);

Or. en

Emenda 11
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-regoli dwar l-imgħax u t-taxxa kapitali, kif ukoll ir-regoli dwar it-taxxa korporattiva, mhumiex armonizzati bis-sħiħ fl-UE, li jagħmilha aktar diffiċli u għalja għall-parteċipanti fis-suq biex ikunu attivi f'diversi Stati Membri tal-UE;[13a]
	[13a] Il-Bank Ċentrali Ewropew, Financial Integration and Structure in the Euro Area 2026 (L-Integrazzjoni u l-Istruttura Finanzjarja fiż-Żona tal-Euro 2026), p. 38

Or. en

Emenda 12
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-OECD tistma li t-telf annwali fid-dħul globali li jirriżulta mill-BEPS huwa ta' bejn USD 100 biljun u USD 240 biljun, ekwivalenti għal madwar 4 sa 10 % tad-dħul globali mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, li jirriżulta f'telf konsiderevoli għall-baġits tal-Istati Membri;	C. billi l-OECD tistma li t-telf annwali fid-dħul globali li jirriżulta mill-BEPS huwa ta' bejn USD 100 biljun u USD 240 biljun, ekwivalenti għal madwar 4 sa 10 % tad-dħul globali mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, li jirriżulta f'telf konsiderevoli għall-baġits tal-Istati Membri; ***billi, skont l-Osservatorju Internazzjonali tat-Taxxa, ir-rata tat-taxxa effettiva tal-kumpaniji multinazzjonali naqset bi 2,7 punti perċentwali fl-Unjoni Ewropea bejn l-2014 u l-2022[2a];***
	[2a] https://taxobservatory.eu/eutax-publication/the-new-face-of-corporate-tax-competition/

Or. en

Emenda 13
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-OECD tistma li t-telf annwali fid-dħul globali li jirriżulta mill-BEPS huwa ta' bejn USD 100 biljun u USD 240 biljun, ekwivalenti għal madwar 4 sa 10 % tad-dħul globali mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, li jirriżulta f'telf konsiderevoli għall-baġits tal-Istati Membri;	C. billi l-OECD tistma li t-telf annwali fid-dħul globali li jirriżulta mill-BEPS huwa ta' bejn USD 100 biljun u USD 240 biljun, ekwivalenti għal madwar 4 sa 10 % tad-dħul globali mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, li jirriżulta f'telf konsiderevoli għall-baġits tal-Istati Membri; ***billi dan it-telf spiss huwa konsegwenza tan-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-sistemi tat-taxxa nazzjonali u l-kumplessità tar-regoli internazzjonali;***

Or. en

Emenda 14
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-indikaturi ta' livell għoli ta' attività potenzjali tal-BEPS naqsu fiċ-ċentri tal-investiment relattivi f'dawn l-aħħar snin, għadhom ferm ogħla fiċ-ċentri ta' investiment meta mqabbla ma' ġuriżdizzjonijiet oħra, u dan jindika l-eżistenza kontinwa tal-attività tal-BEPS, skont l-OECD[14a];
	14a https://www.oecd.org/en/publications/corporate-tax-statistics-2025_6a915941-en.html

Or. en

Emenda 15
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-maġġoranza l-kbira tal-kumpaniji jaġixxu bħala ċittadini korporattivi responsabbli, jipprovdu l-biċċa l-kbira tad-dħul mit-taxxa, jixprunaw l-innovazzjoni u jsostnu l-mudell soċjali Ewropew permezz tal-ħolqien tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 16
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-attività ekonomika tbiegħdet b'mod ġenerali u sinifikanti mill-preżenza fiżika, u dan wassal għal diskrepanza bejn fejn jiġu ġġenerati l-profitti u fejn jiġu ntaxxati;	D. billi l-attività ekonomika tbiegħdet b'mod ġenerali u sinifikanti mill-preżenza fiżika, ***filwaqt li l-karatteristiċi tal-ekonomija diġitali nbidlu,*** u dan wassal għal diskrepanza bejn fejn jiġu ġġenerati l-profitti u fejn jiġu ntaxxati;

Or. en

Emenda 17
Arba Kokalari, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-attività ekonomika ***tbiegħdet b'mod ġenerali u sinifikanti mill-preżenza*** fiżika, u dan wassal għal diskrepanza bejn fejn jiġu ġġenerati l-profitti u fejn jiġu ntaxxati;	D. billi l-attività ekonomika***, b'mod partikolari f'mudelli tan-negozju diġitalizzati ħafna, saret dejjem inqas dipendenti fuq il-preżenza*** fiżika, u dan wassal għal diskrepanza bejn fejn jiġu ġġenerati l-profitti u fejn jiġu ntaxxati;

Or. en

Emenda 18
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-attività ekonomika tbiegħdet b'mod ġenerali u sinifikanti mill-preżenza fiżika, u ***dan wassal għal*** diskrepanza bejn	D. billi l-attività ekonomika tbiegħdet b'mod ġenerali u sinifikanti mill-preżenza fiżika, u ***hemm*** diskrepanza bejn fejn jiġu

fejn jiġu ġġenerati l-profitti u fejn jiġu ntaxxati;	ġġenerati l-profitti u fejn jiġu ntaxxati;

Or. en

Emenda 19
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi ż-żieda fil-mobbiltà tal-kapital, flimkien max-xejriet usa' tal-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni matul dawn l-aħħar deċennji, progressivament naqqsu l-kapaċità tal-pajjiżi individwali li jiżguraw l-effettività tal-politika tat-taxxa tagħhom u l-protezzjoni tal-bażi għat-taxxa tagħhom – b'mod partikolari t-taxxi korporattivi, iżda wkoll dejjem aktar it-taxxi fuq l-introjtu personali – u b'hekk inaqqsu l-bażijiet tad-dħul pubbliku[15a];
	[15a] de la Feria, R. (2023). Pillar 2, Fiat, and the EU Unanimity rule on tax matters. Fiat, and the EU Unanimity Rule on Tax Matters (It-Tieni Pilastru, Fiat, u r-Regola tal-Unanimità tal-UE dwar Kwistjonijiet Fiskali) (3 ta' Jannar 2023), 2-8

Or. en

Emenda 20
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li tipikament joperaw primarjament fil-livell domestiku, jistgħu jitqiegħdu fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' intrapriżi multinazzjonali (MNEs) li jistgħu jisfruttaw opportunitajiet ta' ppjanar tat-taxxa transfruntiera, filwaqt li l-MNEs kbar jaf ma jikkontribwux b'mod ġust u proporzjonat għall-ħtiġijiet tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 21
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar is-soluzzjoni b'Żewġ Pilastri tal-BEPS ifittex li jimmodernizza r-regoli tat-taxxa internazzjonali permezz tar-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni għall-ġuriżdizzjonijiet tas-suq (l-Ewwel Pilastru) u l-istabbiliment ta' rata ta' taxxa korporattiva effettiva minima globali ta' 15 % (it-Tieni Pilastru);	E. billi l-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar is-soluzzjoni b'Żewġ Pilastri tal-BEPS ifittex li jimmodernizza r-regoli tat-taxxa internazzjonali ***b'reazzjoni għad-diġitalizzazzjoni u għall-globalizzazzjoni*** permezz tar-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni għall-ġuriżdizzjonijiet tas-suq (l-Ewwel Pilastru) u l-istabbiliment ta' rata ta' taxxa korporattiva effettiva minima globali ta' 15 % (it-Tieni Pilastru);

Or. en

Emenda 22
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi n-negozjati dwar l-Ewwel Pilastru waqfu fil-livell internazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri introduċew jew żammew taxxi fuq is-servizzi diġitali fil-livell nazzjonali; billi t-Tieni Pilastru ġie implimentat bis-sħiħ jew parzjalment minn madwar terz tal-148 ġuriżdizzjoni li jipparteċipaw fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, filwaqt li xi Stati Membri implimentawh bis-sħiħ permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;	F. billi n-negozjati dwar l-Ewwel Pilastru waqfu fil-livell internazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri introduċew jew żammew taxxi fuq is-servizzi diġitali fil-livell nazzjonali***; billi taxxa diġitali Ewropea uniformi tikkontribwixxi għal aktar ġustizzja fiskali internazzjonali u għal kundizzjonijiet aktar ekwi fuq livell internazzjonali u fis-Suq Uniku***; billi t-Tieni Pilastru ġie implimentat bis-sħiħ jew parzjalment minn madwar terz tal-148 ġuriżdizzjoni li jipparteċipaw fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, filwaqt li xi Stati Membri implimentawh bis-sħiħ permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;

Or. en

Emenda 23
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi n-negozjati dwar l-Ewwel Pilastru waqfu fil-livell internazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri introduċew jew żammew taxxi fuq is-servizzi diġitali fil-livell nazzjonali; billi t-Tieni Pilastru ġie implimentat bis-sħiħ jew parzjalment minn madwar terz tal-148 ġuriżdizzjoni li jipparteċipaw fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, filwaqt li xi Stati Membri implimentawh bis-sħiħ permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;	F. billi n-negozjati dwar l-Ewwel Pilastru waqfu fil-livell internazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri introduċew jew żammew taxxi fuq is-servizzi diġitali fil-livell nazzjonali***; billi dawn il-miżuri nazzjonali jirrappreżentaw flussi ta' dħul vitali u leġittimi għall-Istati Membri fin-nuqqas ta' ftehim globali***; billi t-Tieni Pilastru ġie implimentat bis-sħiħ jew parzjalment minn madwar terz tal-148 ġuriżdizzjoni li jipparteċipaw fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, filwaqt li xi Stati Membri implimentawh bis-sħiħ permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;

Or. en

Emenda 24
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi n-negozjati dwar l-Ewwel Pilastru waqfu fil-livell internazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri introduċew jew żammew taxxi fuq is-servizzi diġitali fil-livell nazzjonali; billi t-Tieni Pilastru ġie implimentat bis-sħiħ jew parzjalment minn madwar terz tal-148 ġuriżdizzjoni li jipparteċipaw fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, filwaqt li xi Stati Membri implimentawh bis-sħiħ permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;	F. billi n-negozjati dwar l-Ewwel Pilastru waqfu fil-livell internazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri introduċew ***b'suċċess*** jew żammew taxxi fuq is-servizzi diġitali fil-livell nazzjonali; billi t-Tieni Pilastru ġie implimentat bis-sħiħ jew parzjalment minn madwar terz tal-148 ġuriżdizzjoni li jipparteċipaw fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, filwaqt li xi Stati Membri implimentawh bis-sħiħ permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;

Or. en

Emenda 25
Jussi Saramo, Martin Schirdewan, Pasquale Tridico, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi, fuq l-inizjattiva tal-Istati Uniti, intlaħaq ftehim fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fir-rigward ta' approċċ "side-by-side" (SbS), li jistabbilixxi applikazzjoni koordinata u simultanja ta' reġimi tat-taxxa minimi differenti; billi f'Jannar 2026, is-sistema tal-NCTI tal-Istati Uniti ngħatat status ta' port sikur fl-ambitu tal-SbS, li l-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz ta' avviż li l-Kummissjoni ħarġet fit-12 ta' Jannar 2026;	G. billi, fuq l-inizjattiva tal-Istati Uniti, intlaħaq ftehim fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fir-rigward ta' approċċ "side-by-side" (SbS), li jistabbilixxi applikazzjoni koordinata u simultanja ta' reġimi tat-taxxa minimi differenti; billi f'Jannar 2026, is-sistema tal-NCTI tal-Istati Uniti ngħatat status ta' port sikur fl-ambitu tal-SbS, li l-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz ta' avviż li l-Kummissjoni ħarġet fit-12 ta' Jannar 2026; ***billi l-SbS jeżenta lill-MNEs li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Istati Uniti mill-applikazzjoni sħiħa tar-regoli tat-Tieni Pilastru, filwaqt li jagħti vantaġġ kompetittiv strutturali lill-intrapriżi li għandhom il-kwartieri***

ġenerali tagħhom fl-Istati Uniti li joperaw fis-suq intern tal-UE u jimmina l-integrità tal-qafas globali tat-taxxa minima.

Or. en

Emenda 26
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi, fuq l-inizjattiva tal-Istati Uniti, intlaħaq ftehim fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fir-rigward ta' approċċ "side-by-side" (SbS), li jistabbilixxi applikazzjoni koordinata u simultanja ta' reġimi tat-taxxa minimi differenti; billi f'Jannar 2026, is-sistema tal-NCTI tal-Istati Uniti ngħatat status ta' port sikur fl-ambitu tal-SbS, li l-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz ta' avviż li l-Kummissjoni ħarġet fit-12 ta' Jannar 2026;	G. billi, fuq l-inizjattiva tal-Istati Uniti, intlaħaq ftehim fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fir-rigward ta' approċċ "side-by-side" (SbS), li jistabbilixxi applikazzjoni koordinata u simultanja ta' reġimi tat-taxxa minimi differenti; billi f'Jannar 2026, is-sistema tal-NCTI tal-Istati Uniti ngħatat status ta' port sikur fl-ambitu tal-SbS, li l-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz ta' avviż li l-Kummissjoni ħarġet fit-12 ta' Jannar 2026; ***billi fi Frar 2026 il-Brażil talab status ta' port sikur skont l-SbS;***

Or. en

Emenda 27
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi***, fuq l-inizjattiva tal-Istati Uniti,*** intlaħaq ftehim fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fir-rigward ta' approċċ "side-by-side" (SbS), li jistabbilixxi applikazzjoni koordinata u simultanja ta' reġimi tat-taxxa minimi differenti; billi f'Jannar 2026, is-sistema	G. billi ntlaħaq ftehim fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fir-rigward ta' approċċ "side-by-side" (SbS)***, li jinkludi l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Uniti***, li jistabbilixxi applikazzjoni koordinata u simultanja ta' reġimi tat-taxxa minimi differenti; billi f'Jannar 2026, is-sistema

tal-NCTI tal-Istati Uniti ngħatat status ta' port sikur fl-ambitu tal-SbS, li l-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz ta' avviż li l-Kummissjoni ħarġet fit-12 ta' Jannar 2026;	tal-NCTI tal-Istati Uniti ngħatat status ta' port sikur fl-ambitu tal-SbS, li l-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz ta' avviż li l-Kummissjoni ħarġet fit-12 ta' Jannar 2026;

Or. en

Emenda 28
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-OECD u lanqas il-Kummissjoni ma ħarġu studji jew stimi dwar l-impatt ekonomiku tal-SbS;

Or. en

Emenda 29
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa***, l-iżbarazzar*** tar-regoli ***fiskali u*** l-inċentivi tat-taxxa ***effettivi*** bħala strumenti ewlenin biex ***tiġi restawrata l-kompetittività*** tal-UE;	H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa ***u tal-armonizzazzjoni*** tar-regoli ***tat-taxxa kif ukoll*** l-inċentivi tat-taxxa ***kosteffettivi*** bħala strumenti ewlenin biex ***tissaħħaħ il-kompetittività*** tal-UE; ***billi inċentivi tat-taxxa mfassla tajjeb u bbażati fuq is-sustanza kkoordinati fil-livell tal-UE jistgħu jkunu mezz biex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet pubbliċi fis-Suq Uniku, bħad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, dment li jiġu evitati d-distorsjonijiet u jiġu mitigati b'mod adegwat l-opportunitajiet għall-evażjoni u***

l-evitar tat-taxxa; billi l-gvernijiet għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' inċentivi tat-taxxa tar-R&Ż jinkludu mekkaniżmi robusti kontra l-lakuni tat-taxxa kif ukoll kostituzzjonalitajiet soċjali u ambjentali, u jipprovdu valur għall-flus permezz ta' evalwazzjoni regolari u rigoruża, ibbażata fuq data trasparenti u ta' kwalità għolja fil-livell tal-kumpaniji;

Or. en

Emenda 30
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa, l-iżbarazzar tar-regoli fiskali u l-inċentivi tat-taxxa effettivi bħala strumenti ewlenin biex tiġi restawrata l-kompetittività tal-UE;	H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa, l-iżbarazzar tar-regoli fiskali u l-inċentivi tat-taxxa effettivi bħala strumenti ewlenin biex tiġi restawrata l-kompetittività tal-UE; ***jenfasizza li l-inċentivi tat-taxxa domestiċi bbażati fuq is-sustanza—bħal rata tat-taxxa ta' 0 % fuq profitti korporattivi miżmuma u investiti mill-ġdid—huma għodod ta' politika ekonomika leġittimi u effettivi ħafna għall-formazzjoni tal-kapital u t-tkabbir f'ekonomiji li qed jipprovaw ilaħħqu;***

Or. en

Emenda 31
Arba Kokalari, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-	H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-

importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa, l-iżbarazzar tar-regoli fiskali u l-inċentivi tat-taxxa effettivi bħala strumenti ewlenin biex tiġi restawrata l-kompetittività tal-UE;	importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa, l-iżbarazzar tar-regoli fiskali u l-inċentivi tat-taxxa effettivi bħala strumenti ewlenin biex tiġi restawrata l-kompetittività tal-UE ***jiġi appoġġjat l-investiment u jitnaqqsu l-pożijiet amministrattivi***;

Or. en

Emenda 32
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-importanza tas-simplifikazzjoni tat-taxxa***,*** l-iżbarazzar tar-regoli fiskali ***u l-inċentivi tat-taxxa effettivi*** bħala strumenti ewlenin ***biex tiġi restawrata l-kompetittività tal-UE***;	H. billi rapporti reċenti tal-UE jisħqu l-importanza tas-simplifikazzjoni ***amministrattiva*** tat-taxxa ***u*** l-iżbarazzar tar-regoli fiskali bħala strumenti ewlenin ***għal infurzar armonizzat u effettiv***;

Or. en

Emenda 33
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi n-negozjati dwar il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa għadhom għaddejjin, bit-test finali tal-konvenzjoni u żewġ protokolli mistennija li jiġu konklużi sal-2027; billi dawn in-negozjati jippreżentaw opportunità biex jintlaħaq ftehim globali permezz ta' proċess inklużiv;

Or. en

Emenda 34
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-kompetittività fit-tassazzjoni internazzjonali	***Tassazzjoni*** internazzjonali ***effettiva u ġusta***

Or. en

Emenda 35
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, ***u*** livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa;	1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, ***u*** livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa***, u rispett sħiħ għall-flessibbiltà tal-Istati Membri biex ifasslu s-sistemi tat-taxxa domestiċi tagħhom biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali***;

Or. en

Emenda 36
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità	1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità

ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, u ***livell ottimali ta'*** amministrazzjoni tat-taxxa;	ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli ***ffokat fuq it-trawwim tat-tkabbir aktar milli fuq il-ħolqien ta' restrizzjonijiet bla bżonn***, u amministrazzjoni tat-taxxa ***proporzjonata bi spejjeż ġenerali minimi tal-konformità***;

Or. en

Emenda 37
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza ***r-restawr*** tal-kompetittività tal-UE bħala ***prijorità ewlenija***; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, u livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa;	1. Jenfasizza ***t-tisħiħ*** tal-kompetittività tal-UE bħala ***wieħed mill-prijoritajiet tal-Unjoni, flimkien mat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali***; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli***, trasparenti*** u faċilment navigabbli, u livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa;

Or. en

Emenda 38
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija;*** ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli,	1. ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa ***ġust,*** stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, u livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' attività***

u livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa;	***transfruntiera għall-kompetittività tal-UE u r-rwol tat-tassazzjoni ġusta u armonizzata f'dan ir-rigward;***

Or. en

Emenda 39
Pierre Pimpie, Tomáš Kubín, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, u ***livell ottimali ta'*** amministrazzjoni tat-taxxa;	1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, ***piż tat-taxxa kompetittiv,*** u amministrazzjoni tat-taxxa ***effiċjenti, proporzjonata u favur in-negozju***;

Or. en

Emenda 40
Regina Doherty, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli u faċilment navigabbli, u livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa;	1. Jenfasizza r-restawr tal-kompetittività tal-UE bħala prijorità ewlenija; ifakkar li l-attraenza tal-investiment tirrikjedi ambjent tat-taxxa stabbli, prevedibbli***, kompetittiv, attraenti,*** u faċilment navigabbli, u livell ottimali ta' amministrazzjoni tat-taxxa;

Or. en

Emenda 41
Arba Kokalari, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-kombinazzjoni ta' rati għoljin tat-taxxa korporattiva fl-UE, il-kumplessità tal-konformità, ir-regoli dwar it-taxxa f'ras il-għajn, il-kumpens limitat għat-telf f'xi pajjiżi u r-reġimi nazzjonali frammentati joħolqu żvantaġġi kompetittivi għad-ditti tal-UE li jippruvaw jikkompetu globalment;

Or. en

Emenda 42
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-isforzi internazzjonali, bħal dawk imwettqa mill-OECD, li għandhom l-għan li jwaqqfu l-ġirja lejn l-aktar livell baxx u joħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi billi jistabbilixxu livell minimu globali għall-obbligi tat-taxxa tal-intrapriżi multinazzjonali (MNEs) permezz ta' rata tat-taxxa effettiva minima;	2. Jilqa' l-isforzi internazzjonali, bħal dawk imwettqa mill-OECD, li għandhom l-għan li jwaqqfu l-ġirja lejn l-aktar livell baxx u joħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi billi jistabbilixxu livell minimu globali għall-obbligi tat-taxxa tal-intrapriżi multinazzjonali (MNEs) permezz ta' rata tat-taxxa effettiva minima; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fil-fora internazzjonali rilevanti jippromwovu ż-żieda progressiva tar-rata tat-taxxa korporattiva effettiva minima globali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICRICT u tal-ekonomisti indipendenti għal livell li kapaċi jiġġenera dħul addizzjonali għall-investiment pubbliku, l-azzjoni klimatika u l-infiq soċjali;***

Or. en

Emenda 43
Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jilqa' l-isforzi*** internazzjonali, bħal dawk imwettqa mill-OECD, li għandhom l-għan li ***jwaqqfu l-ġirja lejn l-aktar livell baxx u*** joħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi ***billi jistabbilixxu livell minimu globali għall-obbligi tat-taxxa tal-intrapriżi*** multinazzjonali (MNEs) permezz ta' rata tat-taxxa effettiva minima;	2. ***Jieħu nota tal-isforzi*** internazzjonali, bħal dawk imwettqa mill-OECD, li għandhom l-għan li joħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi ***għall-intrapriżi*** multinazzjonali (MNEs) permezz ta' rata tat-taxxa effettiva minima; ***jisħaq, madankollu, li kompetizzjoni tat-taxxa ġusta, trasparenti u bbażata fuq is-sustanza bejn il-ġuriżdizzjonijiet tista' tibqa' għodda leġittima biex tattira l-investiment, tappoġġja l-impjiegi u ssaħħaħ il-kompetittività, u ma għandhiex titqies bl-istess mod bħall-prattiki tat-taxxa dannużi;***

Or. en

Emenda 44
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-isforzi internazzjonali, bħal dawk imwettqa mill-OECD***, li għandhom l-għan li jwaqqfu l-ġirja lejn l-aktar livell baxx u joħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi billi jistabbilixxu livell minimu globali għall-obbligi tat-taxxa tal-intrapriżi multinazzjonali (MNEs) permezz ta' rata tat-taxxa effettiva minima***;	2. Jilqa' l-isforzi internazzjonali, bħal dawk imwettqa mill-OECD;

Or. en

Emenda 45
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq li l-futur tat-tassazzjoni korporattiva fl-Unjoni jrid jibqa' ankrat sew fil-prinċipji tas-sustanza ekonomika u l-akkumulazzjoni reali tal-kapital. Isostni li l-mudelli kompetittivi tat-taxxa korporattiva, speċifikament dawk li jużaw rata tat-taxxa ta' 0 % fuq profitti mhux distribwiti u investiti mill-ġdid, jirrappreżentaw għodod ekonomiċi effettivi ħafna u li jħarsu 'l quddiem li jistimulaw l-investiment domestiku, l-innovazzjoni, u l-formazzjoni tal-kapital fit-tul. Jirrifjuta kwalunkwe strateġija li tittranżizzjona l-qafas tat-taxxa Ewropew lejn konsolidazzjoni obbligatorja bbażata fuq formuli jew riallokazzjonijiet ċentralizzati tal-profitti, li sistematikament jisseparaw l-obbligazzjonijiet tat-taxxa korporattiva mill-impronti fiżiċi u ekonomiċi reali tal-intrapriżi fl-Istati Membri individwali;

Or. en

Emenda 46
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jilqa' l-isforzi tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar (INC) tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa biex tiġi abbozzata Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni

Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u jiġu żgurati sistemi tat-taxxa aktar ġusti madwar id-dinja;

Or. en

Emenda 47
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jilqa' l-isforzi tan-NU biex toħloq ftehim multilaterali koerenti u komprensiv dwar it-tassazzjoni internazzjonali, inkluż dwar l-allokazzjoni ġusta tad-drittijiet ta' tassazzjoni, il-flussi finanzjarji illeċiti u l-prattiki tat-taxxa dannużi; jappoġġja l-għan li t-tassazzjoni internazzjonali tiġi allinjata mad-drittijiet tal-bniedem u mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

Or. en

Emenda 48
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jenfasizza li n-navigazzjoni ta' ambjent internazzjonali li qed jinbidel tirrikjedi bidla strutturali lil hinn minn regolamentazzjoni żejda leġiżlattiva bla waqfien lejn l-istabbilizzazzjoni amministrattiva u s-simplifikazzjoni sistemika. Jitlob li l-politika futura dwar it-taxxa korporattiva tagħti prijorità

b'mod strett lill-mitigazzjoni tal-pożijiet ta' konformità billi tistabbilixxi moratorju fuq ir-rekwiżiti ta' rapportar li jidduplikaw ix-xogħol u tiżgura l-implimentazzjoni immedjata ta' portijiet sikuri robusti u permanenti skont ir-regoli tat-Tieni Pilastru. Jinsisti li l-kapaċitajiet operattivi u strutturali reali tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali iżgħar iridu jservu bħala restrizzjoni bażi primarja għal kwalunkwe qafas fiskali futur fl-UE jew globali, biex b'hekk l-Istati Membri iżgħar jiġu protetti minn qbiż żejjed tal-limiti burokratiċi u eżawriment tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 49
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Iwissi li kwalunkwe bidla lejn mekkaniżmi ta' votazzjoni b'maġġoranza sempliċi fl-iffissar tal-istandards tat-taxxa globali tirriskja li timmarġinalizza ekonomiji iżgħar u miftuħa, tfixkel in-networks tat-trattati stabbiliti, u toħloq reġim tat-taxxa internazzjonali frammentat u fuq żewġ binarji;

Or. en

Emenda 50
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina ***u*** l-Indja ma implimentawx ir-riforma; ***huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni*** Pilastru ***ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-applikazzjoni globali tiegħu***;	3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina***,*** l-Indja ***u l-Istati Uniti*** ma implimentawx ir-riforma; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ it-Tieni*** Pilastru***, b'mod partikolari r-Regola dwar il-Profitti Sottontaxxati (UTPR); jinnota li l-UTPR hija element essenzjali biex it-Tieni Pilastru jiffunzjona tajjeb u jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej; jistieden lill-Istati Membri biex ma jestendux il-portijiet sikuri tranżizzjonali tal-UTPR lil hinn mill-2026, għax dan ikun ta' żvantaġġ għall-kumpaniji tal-UE; jilqa' l-impenn ċar lejn l-UTPR mill-Kummissarju Hoekstra fit-tweġibiet bil-miktub tiegħu lill-Parlament fil-kuntest tas-seduti tal-ħatra; ifakkar li fl-2021, l-Istati Uniti qablu dwar it-taxxa minima tal-OECD fil-livelli tal-G7, tal-G20 u tal-Qafas Inklużiv tal-OECD***;
	Or. en

Emenda 51
Pierre Pimpie, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; ***huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-applikazzjoni*** globali ***tiegħu***;	3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; ***jisħaq li taxxa minima*** globali ***tista' twassal għal kundizzjonijiet ekwi ġenwini biss jekk tiġi applikata b'mod effettiv u konsistenti mill-ekonomiji ewlenin kollha; iqis, għalhekk, li l-UE għandha tivvaluta approċċi alternattivi u aktar prammatiċi fejn l-implimentazzjoni globali tibqa' mhux kompluta, inklużi simplifikazzjoni mmirata, portijiet sikuri reċiproċi u miżuri biex tiġi ppreżervata l-***

kompetittività tal-kumpaniji li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE;

Or. en

Emenda 52
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-applikazzjoni globali tiegħu;	3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta***, u timponi piż amministrattiv sinifikanti u kostijiet eċċezzjonali fuq il-kontribwenti mingħajr dħul mit-taxxa korrispondenti***, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-applikazzjoni globali tiegħu;

Or. en

Emenda 53
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-applikazzjoni globali tiegħu;	3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti ***- bħar-reġim NCTI tal-Istati Uniti u reġimi nazzjonali oħra li jistgħu jiksbu l-istatus ta' port sikur skont***

l-SbS - twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-applikazzjoni globali tiegħu;

Or. en

Emenda 54
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jiddispjaċih*** li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni ***u ddgħajjef l-applikazzjoni globali tiegħu***;	3. ***Jinnota*** li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; huwa tal-fehma li l-koeżistenza tat-Tieni Pilastru ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni***, iżżid ir-riskju ta' żvantaġġi kompetittivi asimetriċi għan-negozji Ewropej, u tikkomplika bla bżonn l-ispazju tal-politika tat-tassazzjoni domestika***;

Or. en

Emenda 55
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; ***huwa tal-fehma*** li ***l-koeżistenza tat-Tieni*** Pilastru ***ma' reġimi tat-taxxa minimi domestiċi konkorrenti twassal għal frammentazzjoni u ddgħajjef l-***	3. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru għadha mhux kompluta, u ekonomiji ewlenin bħaċ-Ċina u l-Indja ma implimentawx ir-riforma; ***ifakkar*** li ***l-ftehim dwar it-Tieni*** Pilastru ***huwa strument ewlieni biex tiġi żgurata t-tassazzjoni ġusta, jitnaqqsu l-prattiki tat-taxxa dannużi u jiġu stabbiliti***

applikazzjoni globali ***tiegħu***;	***kundizzjonijiet ekwi aktar ġusti għan-negozji l-kbar li joperaw fl-ekonomija*** globali;

Or. en

Emenda 56
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota bi tħassib li d-differenzi strutturali sinifikanti bejn ir-reġim tal-NCTI tal-Istati Uniti u t-Tieni Pilastru jirriżultaw f'rati tat-taxxa effettivi differenti ***li huma ta' żvantaġġ għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti***; jinnota, barra minn hekk, li bħala riżultat tal-SbS, l-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Istati Uniti huma teknikament eżentati mill-biċċa l-kbira tal-obbligi tat-Tieni Pilastru, u b'hekk ***ipoġġu lill-kumpaniji Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv***;	4. Jinnota bi tħassib li d-differenzi strutturali sinifikanti bejn ir-reġim tal-NCTI tal-Istati Uniti u t-Tieni Pilastru ***possibbilment*** jirriżultaw f'rati tat-taxxa effettivi differenti ***u f'applikazzjoni inkonsistenti bejn il-ġuriżdizzjonijiet***; jinnota, barra minn hekk, li bħala riżultat tal-SbS, l-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Istati Uniti huma teknikament eżentati mill-biċċa l-kbira tal-obbligi tat-Tieni Pilastru, u b'hekk ***jerġgħu jiftħu l-inċentivi għat-trasferiment tal-profitti korporattivi u jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji u l-ġuriżdizzjonijiet fiskali madwar id-dinja***; ***jinnota li l-inċertezza regolatorja persistenti u l-bidliet reċenti fil-politika ekonomika u kummerċjali tal-Istati Uniti jkomplu jiġġeneraw kawtela fost l-investituri u n-negozji internazzjonali; jissottolinja li l-ambjent internazzjonali attwali huwa dejjem aktar ikkaratterizzat minn kompetizzjoni ġeopolitika, miżuri ta' politika unilaterali u frammentazzjoni dejjem akbar tal-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli;***

Or. en

Emenda 57
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jinnota bi tħassib*** li d-differenzi strutturali sinifikanti bejn ir-reġim tal-NCTI tal-Istati Uniti u t-Tieni Pilastru jirriżultaw f'rati tat-taxxa effettivi differenti li huma ta' żvantaġġ għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti; jinnota, barra minn hekk, li bħala riżultat tal-SbS, l-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Istati Uniti huma teknikament eżentati mill-biċċa l-kbira tal-obbligi tat-Tieni Pilastru, u b'hekk ipoġġu lill-kumpaniji Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv;	4. ***Jisħaq*** li d-differenzi strutturali sinifikanti bejn ir-reġim tal-NCTI tal-Istati Uniti u t-Tieni Pilastru jirriżultaw f'rati tat-taxxa effettivi differenti li huma ta' żvantaġġ għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti; jinnota, barra minn hekk, li bħala riżultat tal-SbS, l-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Istati Uniti huma teknikament eżentati mill-biċċa l-kbira tal-obbligi tat-Tieni Pilastru, u b'hekk ipoġġu lill-kumpaniji Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv ***sinifikanti***;

Or. en

Emenda 58
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jesprimi tħassib serju dwar l-effetti tal-SbS; jinnota li, filwaqt li l-ftehim għandu l-għan li jġib stabbiltà regolatorja, joħloq ir-riskju li jaffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet ekwi u jkebbes mill-ġdid il-prattiki dannużi tat-taxxa korporattiva li l-qafas tat-Tieni Pilastru tfassal biex irażżan;

Or. en

Emenda 59
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq li filwaqt li t-Tieni Pilastru japplika taxxa minima ta' 15 % għal kull ġuriżdizzjoni, it-taħlit globali tal-NCTI tal-Istati Uniti jikkumpensa l-profitti sottontaxxati, li joħloq żbilanċ strutturali bejn iż-żewġ reġimi;

Or. en

Emenda 60
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ id-data jew l-analiżi disponibbli dwar it-telf stmat ta' dħul għall-Istati Membri tal-UE li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-SbS;

Or. en

Emenda 61
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ ukoll valutazzjoni tal-impatt tal-introduzzjoni, permezz tal-SbS, ta' port sikur ġdid ta' inċentivi tat-taxxa mmirati bbażata fuq is-sustanza fil-qafas tat-Tieni

Pilastru; jissottolinja l-importanza li jiġi analizzat sa liema punt il-permissibbiltà ta' dawn l-inċentivi, li jintużaw l-aktar fl-Istati Uniti, timmina l-għanijiet ġenerali tal-prevenzjoni ta' ġirja lejn l-aktar livell baxx fit-tassazzjoni u tintroduċi żvantaġġ kompetittiv fil-konfront tan-negozji bbażati fl-UE;

Or. en

Emenda 62
Regina Doherty, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE***, filwaqt li tirrikonoxxi l-prinċipju tas-sussidjarjetà u li t-tassazzjoni hija kompetenza tal-Istati Membri*; ***jistieden lill-Kummissjoni tqis il-kompetittività ekonomika tal-UE f'kull mument u tiżgura li l-proposti tagħha jsaħħu l-attraenza ekonomika tal-UE, u mhux idgħajfuha;***

Or. en

Emenda 63
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza	5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza

u tipproponi soluzzjonijiet ***dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS,*** sabiex ***jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE***;	***b'mod urġenti u bir-reqqa l-impatt tal-SbS fuq l-iffaċilitar tat-trasferiment tal-profitti globali u t-tnaqqis tar-rati tat-taxxa effettivi*** u tipproponi ***miżuri u*** soluzzjonijiet ***korrettivi*** sabiex ***tissalvagwardja l-integrità tal-qafas tat-taxxa minima globali, tipprevjeni ġirja lejn l-aktar livell baxx u tiżgura li l-kumpaniji multinazzjonali li joperaw fis-Suq Uniku jikkontribwixxu għal livell ġust u effettiv ta' tassazzjoni irrispettivament minn fejn ikollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom***;

Or. en

Emenda 64
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej***, tiġi żgurata tassazzjoni ġusta, jiġi mħares id-dħul pubbliku, jiġu pprevenuti prattiki tat-taxxa dannużi, u jiġu appoġġjati t-tkabbir ekonomiku sostenibbli*** u l-kompetittività globali tal-UE;

Or. en

Emenda 65
Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet ***dwar kif għandhom*** jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi ***b'urġenza*** soluzzjonijiet***, inklużi soluzzjonijiet leġiżlattivi fejn meħtieġa, biex*** jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE;

Or. en

Emenda 66
Katri Kulmuni, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi soluzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi strutturali maħluqa mill-SbS, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej u l-kompetittività globali tal-UE ***u tfittex b'mod attiv li tissimplifika r-regoli tat-Tieni Pilastru***;

Or. en

Emenda 67
Jussi Saramo, Martin Schirdewan, Pasquale Tridico, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jesprimi tħassib li l-għoti ta' status ta' port sikur lil reġimi tat-taxxa minima ta' pajjiżi terzi li joperaw barra mill-qafas tat-Tieni Pilastru jistabbilixxi preċedent dannuż ta' eċċezzjonaliżmu fi ħdan

sistema li tikseb il-valur tagħha minn applikazzjoni universali u konsistenti; jissottolinja li konċessjonijiet ta' din in-natura, meta jsiru bit-theddida espliċita ta' miżuri kummerċjali unilaterali, jinnormalizzaw l-użu tal-pressjoni ekonomika ekstraterritorjali bħala lieva fuq l-awtonomija regolatorja tal-UE, forma ta' koerċizzjoni li, min-natura tagħha, tista' tiġi estiża għal kwalunkwe qasam tal-politika tal-UE, u b'hekk titnaqqar is-sovranità tal-Unjoni; jafferma mill-ġdid li l-impenn tal-UE li tiġġieled l-evitar tat-taxxa u li tiżgura li l-intrapriżi multinazzjonali kollha jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom irid jibqa' mingħajr kundizzjonijiet;

Or. en

Emenda 68
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrifjuta sejħiet għal riżorsa proprja statistika ġdida tal-UE dwar il-profitti tal-kumpaniji;

Or. en

Emenda 69
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ strumenti biex tiġġieled il-vantaġġi tat-taxxa antikompetittivi li	***imħassar***

jagħmlu ħsara lill-kumpaniji Ewropej, inklużi l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri antisussidji;

Or. en

Emenda 70
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni ***tuża bis-sħiħ strumenti biex tiġġieled il-vantaġġi tat-taxxa antikompetittivi li jagħmlu ħsara lill-kumpaniji Ewropej, inklużi l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri antisussidji***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni ***tressaq proposta għal taxxa fuq is-servizzi diġitali sabiex terġa' tinkiseb il-ġustizzja fit-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali; jinnota li ċerti intrapriżi multinazzjonali diġitalizzati ħafna għadhom jibbenefikaw minn strutturi kummerċjali li jiffaċilitaw it-trasferiment tal-profitti lejn ġuriżdizzjonijiet b'rata baxxa ta' taxxa, li jirriżulta f'rati tat-taxxa effettivi li huma ferm aktar baxxi minn dawk ta' ħafna atturi ekonomiċi oħra; jisħaq li, fin-nuqqas ta' soluzzjoni globali komprensiva, taxxa fuq is-servizzi diġitali fl-Unjoni kollha tikkostitwixxi għodda sempliċi, effettiva u flessibbli biex jiġi żgurat li l-valur maħluq fl-Unjoni jiġi ntaxxat b'mod ġust u li l-kompetizzjoni fis-Suq Uniku ma tiġix distorta***;

Or. en

Emenda 71
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tuża bis-	6. Jistieden lill-Kummissjoni tuża bis-

sħiħ strumenti biex tiġġieled il-vantaġġi tat-taxxa antikompetittivi li jagħmlu ħsara lill-kumpaniji Ewropej, inklużi l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri antisussidji;

sħiħ strumenti biex tiġġieled il-vantaġġi tat-taxxa antikompetittivi li jagħmlu ħsara lill-kumpaniji Ewropej, inklużi l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri antisussidji; ***ifakkar fil-ħtieġa tar-ritorn għal qafas strett ta' għajnuna mill-Istat ladarba jkunu waqfu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, li jsaħħaħ ekosistema b'saħħitha tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa fl-UE;***

Or. en

Emenda 72
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ strumenti biex tiġġieled il-vantaġġi tat-taxxa antikompetittivi li ***jagħmlu ħsara lill-kumpaniji Ewropej, inklużi l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri antisussidji***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ strumenti biex tiġġieled il-vantaġġi tat-taxxa antikompetittivi li ***jistgħu jirriżultaw mill-SbS***;

Or. en

Emenda 73
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***6a. Jinnota bi tħassib li sehem sinifikanti tal-profitti ġġenerati mill-estrazzjoni taż-żejt, tal-gass u tal-minerali jiġi ttrasferit lejn ġuriżdizzjonijiet b'rata baxxa ta' taxxa, fejn l-evidenza turi li t-trasferiment tal-profitti jiżdied matul perjodi ta' prezzijiet għoljin għall-**

komoditajiet; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal soprataxxa fuq il-profitti konsolidati tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili, li tiżgura t-tassazzjoni ġusta tal-kirjiet tal-fjuwils fossili, ir-ridirezzjoni tad-dħul lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u bidla minn attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent lejn qafas tat-taxxa ambjentali aktar sostenibbli;

Or. en

Emenda 74
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li sehem sostanzjali tal-ġid huwa kkonċentrat fl-assi u l-profitti korporattivi; jissottolinja l-ħtieġa ta' tassazzjoni korporattiva ġusta u effettiva sabiex jiġi żgurat dħul pubbliku suffiċjenti, li jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżijiet tal-passat u jħejju ruħhom għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi futuri; jinnota li l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u t-tassazzjoni baxxa tal-profitti korporattivi joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni, jimminaw il-ġustizzja fiskali u jdgħajfu l-kundizzjonijiet ekwi, globalment u internament;

Or. en

Emenda 75
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas leġiżlattiv biex tiżgura li l-intrapriżi multinazzjonali residenti f'pajjiżi terzi għal finijiet ta' taxxa jiġu ntaxxati fl-Unjoni b'mod ekwivalenti għal dak tal-kumpaniji residenti fi Stat Membru għal finijiet tat-taxxa meta jiġġeneraw porzjon sinifikanti mid-dħul tagħhom fis-suq uniku;

Or. el

Emenda 76
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza r-rwol ta' inċentivi u eżenzjonijiet fiskali mmirati biex tingħata spinta lill-kompetittività u tiġi promossa l-innovazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jużaw għodod ta' tassazzjoni tal-UE konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jattiraw u jżommu attivitajiet b'valur miżjud għoli fl-UE;

Or. en

Emenda 77
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jinnota bi tħassib li, mit-tifqigħa tax-xokk enerġetiku tal-gwerra fl-Iran, il-profitti tal-kumpaniji taż-żejt u tal-gass

	żdiedu b'mod qawwi, filwaqt li l-kontijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji Ewropej żdiedu drastikament, u li dawk il-profitti huma mistennija jkomplu jikbru fis-snin li ġejjin; jinnota li l-akbar ħames kumpaniji taż-żejt irreġistraw aktar minn 100 biljun dollaru fi profitti fl-2024 biss; jistieden lill-Kummissjoni tressaq mingħajr dewmien taxxa mmirata fuq il-profitti mhux mistennija fuq il-profitti eċċessivi konsolidati tal-kumpaniji kbar taż-żejt u tal-gass, stabbilita b'rata ta' mill-inqas 50 %, ikkalkulata kontra l-profitti medji magħmula mill-kumpaniji tal-enerġija fis-snin reċenti; jisħaq li d-dħul minn tali miżura għandu jintuża biex jipprovdi appoġġ immirat lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs, u biex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili importati u jaċċellera t-tranżizzjoni lejn enerġija sostenibbli;
	Or. en

Emenda 78
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' "preżenza fiskali Ewropea" li permezz tiegħu l-kumpaniji ta' pajjiżi terzi b'fatturat fl-Unjoni ta' aktar minn ċertu valur limitu jitqiesu li għandhom preżenza fiskali fl-UE, irrispettivament mill-istabbiliment fiżiku tagħhom;
	Or. el

Emenda 79

Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibilità li timponi taxxa supplimentari ta' ugwalizzazzjoni fuq kumpaniji ta' pajjiżi terzi li joperaw fis-suq intern li huma soġġetti għal rata tat-taxxa effettiva aktar baxxa b'mod sinifikanti minn dik applikata fl-Istati Membri;

Or. el

Emenda 80
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jenfasizza li l-aċċess għall-istrumenti ta' finanzjament, il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni u l-akkwist pubbliku Ewropej għandu jkun kundizzjonali fuq l-eżistenza ta' preżenza fiskali sostantiva fi ħdan l-Unjoni u l-konformità sħiħa mar-regoli fiskali tal-UE;

Or. el

Emenda 81
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni ***u ċ-ċarezza*** fil-leġiżlazzjoni tal-UE	Il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni***. iċ-ċarezza u teħid tad-deċiżjonijiet b'mod effettiv u demokratiku*** fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Or. en

Emenda 82
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni ***u ċ-ċarezza*** fil-leġiżlazzjoni tal-UE	Il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni***, it-trasparenza u ċ-ċarezza*** fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Or. en

Emenda 83
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota bi tħassib li l-SbS iżżid il-kumplessità legali u amministrattiva, kif ukoll il-kostijiet ta' konformità għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti;	7. Jinnota bi tħassib li ***t-tfassil tat-Tieni Pilastru ħoloq saff kontabilistiku separat u oneruż għar-rekwiżiti ta' rapportar peress li, sabiex jiġu kkalkulati t-taxxi minimi globali, jeħtieġ li jiġu applikati oqfsa finanzjarji (bħall-IFRS jew il-GAAP tal-Istati Uniti) imħallta ma' aġġustamenti kumplessi tal-OECD minbarra l-kodiċijiet fiskali lokali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li*** l-SbS iżżid ***saħansitra aktar*** il-kumplessità legali u amministrattiva, kif ukoll il-kostijiet ta' konformità għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 84
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota bi tħassib li l-SbS iżżid il-kumplessità legali u amministrattiva, kif ukoll il-kostijiet ta' konformità għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti;	7. Jinnota bi tħassib li l-SbS iżżid il-kumplessità legali u amministrattiva ***u toħloq lakuni ġodda***, kif ukoll il-kostijiet ta' konformità***, inkluż*** għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti***, filwaqt li tipproteġi lill-korporazzjonijiet li għandhom il-kwartieri ġenerali fl-Istati Uniti minn elementi essenzjali tal-qafas tat-Tieni Pilastru tal-OECD u tippermetti l-kontinwazzjoni ta' abbuż tat-taxxa korporattiva dannuż***[16];
	[1b] https://thefactcoalition.org/oecd-side-by-side-agreement/

Or. en

Emenda 85
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota bi tħassib li l-SbS iżżid il-kumplessità legali u amministrattiva, kif ukoll il-kostijiet ta' konformità għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti;	7. Jinnota bi tħassib li l-SbS iżżid il-kumplessità legali u amministrattiva, kif ukoll il-kostijiet ta' konformità għall-MNEs li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE u li joperaw fl-Istati Uniti***, u b'hekk timmina l-kompetittività tal-UE***;

Or. en

Emenda 86
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Huwa tal-fehma li l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tat-taxxa korporattiva, inkluż il-kalkolu tal-bażijiet tat-taxxa, l-infurzar u d-definizzjonijiet, tipprovdi benefiċċji ċari għad-dinja korporattiva, peress li tagħmilha aktar faċli għall-intrapriżi biex iwettqu attivitajiet ta' investiment fi Stat Membru ieħor tal-UE, filwaqt li tgħin ukoll biex jitrażżnu l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;

Or. en

Emenda 87
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jilqa'*** l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE ***u tnaqqas il-piż*** amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE **-** b'mod partikolari ***billi teżamina l-ħtieġa kontinwa*** tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD***, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji,***	8. ***Jinnota*** l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni ***amministrattiva*** tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE ***u tevalwa u ttejjeb il-konsistenza tagħhom, filwaqt li tissimplifika r-rapportar u l-proċeduri għat-tnaqqis fil-piż*** amministrattiv ***bla bżonn*** fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE***; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirreżisti l-pressjoni deregolatorja minn intrapriżi multinazzjonali kbar li jagħmlu***

id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż ***u l-qafas tad-DAC***;

lobbying biex ifittxu li jdgħajfu r-regoli tat-taxxa tal-UE, u tiżgura li dan l-eżerċizzju ma jirriżultax fi tnaqqis fit-trasparenza fiskali jew f'regoli kontra l-evitar tat-taxxa aktar dgħajfa; jopponi b'mod partikolari ***kwalunkwe treġġigħ lura*** tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD ***u kwalunkwe reviżjoni prematura tad-Direttiva*** dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż ***peress li l-effetti prattiċi tagħha għadhom ma jistgħux jiġu vvalutati kif xieraq minħabba l-implimentazzjoni reċenti tagħha; jistieden minflok lill-Kummissjoni tippermetti biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni qabel ma tikkunsidra kwalunkwe bidla leġiżlattiva u twettaq valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-ewwel sentejn ta' implimentazzjoni tagħha u tressaq proposti biex issaħħaħ il-qafas, inkluż billi timxi lejn CbCR pubbliku diżaggregat sħiħ fil-ġuriżdizzjonijiet kollha***; ***jisħaq ukoll fuq l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali sabiex jiġu promossi interpretazzjoni u applikazzjoni aktar konsistenti kemm tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa diretta kif ukoll dik indiretta fl-Unjoni;***

Or. en

Emenda 88
Enikő Győri, Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li	8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi***; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi aġenda ambizzjuża u komprensiva ta' simplifikazzjoni tat-taxxa korporattiva mmirata lejn it-tisħiħ tal-kompetittività***

jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC;

globali tal-Unjoni, it-tnaqqis tal-kostijiet ta' konformità u ż-żieda fiċ-ċertezza legali għan-negozji li joperaw fis-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC; ***stresses that simplification efforts should particularly benefit SMEs, innovative companies and cross-border businesses by reducing excessive administrative burdens, duplicative reporting obligations and legal fragmentation across the Union;***

Or. en

Emenda 89
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jilqa'*** l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi ***teżamina l-ħtieġa***	8. ***Jinnota*** l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi***; jinnota, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jittieħed vantaġġ mill-proċess ta' rieżami biex jiġu indirizzati r-regoli kurrenti li jikkoinċidu, u biex tiġi razzjonalizzata u ssimplifikata l-applikazzjoni ta' regoli u kunċetti komuni; jindika b'mod partikolari li l-istandardizzazzjoni tat-termini u l-kunċetti***

kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC;

hija kruċjali biex tiġi ssimplifikata l-konformità, peress li diversi interpretazzjonijiet domestiċi jistgħu jwasslu għal frammentazzjoni u kumplessità; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi ***tissimplifika d-dispożizzjonijiet*** tal-ATAD ***mal-qafas tat-Tieni Pilastru, fejn possibbli***, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC; ***jenfasizza li l-isforzi biex tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tal-UE ma jridux iwasslu għal deregolamentazzjoni u tnaqqis tal-istandards attwali;***

Or. en

Emenda 90
Aurore Lalucq, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jilqa'*** l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar ***it-taxxi***; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni ***tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa*** li jikkoinċidu ***mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet*** dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż ***tal-ATAD, u*** billi ***tirrieżamina*** u	8. ***Jinnota*** l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar ***it-tassazzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità ***lill-identifikazzjoni tal-lakuni tat-taxxa li fadal u*** lis-simplifikazzjoni ***tar-regoli*** li jikkoinċidu***; jenfasizza l-effettività tad-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD) fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS); jirrikonoxxi li d-dispożizzjonijiet*** dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż

potenzjalment ***tissimplifika*** d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, ***id-Direttiva*** dwar ***ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC***;

(CFC) jistgħu jiġu ssimplifikati billi tinżamm l-għażla skont l-Artikolu 7(2)(a) għal introjtu mhux distribwit; ifakkar li l-Pilastru II, għall-kuntrarju tal-ATAD, japplika biss għal gruppi li għandhom dħul annwali ta' EUR 750 000 000 jew aktar; jirrikonoxxi l-potenzjal għas-simplifikazzjoni billi ***jiġu rieżaminati*** u potenzjalment ***issimplifikati*** d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, ***u d-Direttiva*** dwar ***il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC)***; ***jenfasizza li l-isforzi biex tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tal-UE ma jridux iwasslu għal deregolamentazzjoni u tnaqqis tal-istandards attwali;***

Or. en

Emenda 91
Jussi Saramo, Pasquale Tridico

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE ***- b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż*** u l-qafas ***tad-DAC***;	8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE***; jissottolinja, madankollu, li kwalunkwe eżerċizzju ta' simplifikazzjoni ma jridx isir għad-detriment tal-mekkaniżmi ta' trasparenza*** u l-qafas ***ta' divulgazzjoni li huma essenzjali għal infurzar effettiv tat-taxxa, il-protezzjoni tad-dħul pubbliku, u l-istat tad-dritt***; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe tnaqqis fl-obbligi tat-trasparenza jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt robusta li ma turi l-ebda tnaqqis konsegwenzjali fil-kapaċità***

tal-infurzar;

Or. en

Emenda 92
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE ***- b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC***;	8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE***, abbażi ta' test strett tal-proporzjonalità u l-prinċipju li l-ebda obbligu ġdid ta' rapportar tat-taxxa ma għandu jiġi introdott mingħajr ma jitneħħa jew jiġi ssimplifikat obbligu eżistenti ekwivalenti***;

Or. en

Emenda 93
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi	8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi

tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas ***tad-DAC***;	tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas ***għall-kooperazzjoni amministrattiva (DAC)***;

Or. en

Emenda 94
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija ***tal-pakkett Omnibus*** dwar ***it-taxxi***; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC;	8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija ***tal-Omnibus*** dwar ***it-tassazzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC;

Or. en

Emenda 95
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, ***u billi tirrieżamina u potenzjalment tissimplifika d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Mergers, id-Direttiva dwar ir-Rapportar għal kull Pajjiż u l-qafas tad-DAC***;	8. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-pakkett Omnibus dwar it-taxxi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni tat-taxxa billi tirrieżamina l-miżuri ta' rapportar u l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa li jikkoinċidu mal-liġi tat-taxxa tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji bi kwartieri ġenerali fl-UE - b'mod partikolari billi teżamina l-ħtieġa kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż tal-ATAD, ***filwaqt li tiżgura li l-Istati Membri iżgħar u l-intrapriżi ta' daqs medju ma jġarrbux piż sproporzjonat minħabba oqfsa tal-konformità li jikkoinċidu***;

Or. en

Emenda 96
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li d-Direttiva tal-Pilastru II tiggarantixxi rata tat-taxxa effettiva minima f'kull Stat Membru tal-UE u fiha dispożizzjonijiet iddedikati kontra l-abbuż li jkopru arranġamenti ta' finanzjament intragrupp; josserva li l-ATAD tikkondividi l-għan usa' tal-Pilastru II li jiġu pprevenuti l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt, b'mod partikolari permezz tar-regola tagħha dwar il-limitazzjoni tal-imgħax, li tirrestrinġi

kemm jista' jitnaqqas imgħax intragrupp minn kumpanija; iqis li, ladarba grupp ikun soġġett għat-taxxa minima globali, dak il-qafas diġà jassorbi parti kbira mir-riskju li ġġustifika r-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax, sabiex b'hekk l-applikazzjoni taż-żewġ reġimi għall-istess grupp toħloq duplikazzjoni mingħajr valur miżjud; jistieden lill-Kummissjoni, fuq dik il-bażi, tivvaluta jekk il-gruppi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Pilastru II għandhomx jinħelsu mir-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax tal-ATAD, jew minflok għandhom jaraw dawk ir-regoli jiġu applikati għalihom f'forma aġġustata;

Or. en

Emenda 97
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Huwa importanti b'mod partikolari li jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni u r-rapportar tat-taxxa oneruża maħsuba għall-kumpaniji l-kbar ma jiġux estiżi direttament jew indirettament għall-SMEs. Fir-rigward tar-regolament eżistenti dwar il-kumpaniji l-kbar (bħar-regolament dwar it-taxxa minima), huwa ġġustifikat li jinżammu l-limitazzjonijiet li jeskludu lill-SMEs mir-regolament. L-SMEs ma għandhomx l-istess riżorsi (bħal dipartimenti tat-taxxa sħaħ proprji tagħhom jew riżorsi konsultattivi estensivi ħafna) biex ikampaw mal-ammont ta' xogħol li jirriżulta minn regolamentazzjoni kumplessa tat-taxxa u minn ħafna rapportar tat-taxxa bħall-gruppi l-kbar, u huwa għalhekk li regolamentazzjoni kumplessa u tqila fil-prinċipju hija ħafna

aktar oneruża għall-SMEs;

Or. en

Emenda 98
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li l-evidenza empirika turi li regoli aktar dgħajfa dwar l-evitar tat-taxxa korporattiva u t-trasferiment tal-profitti għandhom impatt fuq l-impjiegi u huma assoċjati mat-telf ta' impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-pakkett Omnibus dwar it-Taxxa, twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-effetti tiegħu fuq is-swieq tax-xogħol, il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 99
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD***, b'mod partikolari, id-diskrepanza bejn id-determinazzjoni tal-bażi għat-taxxa tagħha u l-bażi għat-taxxa GloBE skont it-Tieni Pilastru***; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-proposta għall-BEFIT ma pprevedietx konsolidazzjoni ġenwina fil-livell tal-Unjoni, iżda pjuttost ipprevediet l-***

aggregazzjoni u l-allokazzjoni sussegwenti tar-riżultati tat-taxxa; jesprimi wkoll dispjaċir għall-fatt li din fittxet li tintroduċi l-Ewwel Pilastru fil-livell tal-UE permezz ta' formula tat-tqassim ibbażata fuq il-fatturi minkejja n-nuqqas ta' ftehim tal-OECD dwar l-Ewwel Pilastru;

Or. en

Emenda 100
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, ***minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD***;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, ***b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji kontinwi tat-trasferiment tal-profitti u l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza sħiħa mal-istandards minimi tat-tassazzjoni maqbula internazzjonalment u li jiġu pprevenuti lakuni ġodda li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa***;

Or. en

Emenda 101
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, ***minħabba*** l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT ***u taġġustaha***, ***filwaqt li tqis bis-sħiħ*** l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD ***u l-***

ħtieġa li jiġi evitat il-ħolqien ta' qafas tat-taxxa parallel u li jikkoinċidi li jżid il-piż amministrattiv u ta' konformità għan-negozji Ewropej;

Or. en

Emenda 102
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***teżamina mill-ġdid*** il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;	9. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tirtira jew fundamentalment twaqqaf*** il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD***, il-potenzjal li toħloq distorsjoni fil-bażijiet tat-taxxa korporattivi nazzjonali permezz ta' formoli ta' konsolidazzjoni arbitrarji, u l-piż amministrattiv bla bżonn li tintroduċi***;

Or. en

Emenda 103
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD ***u tressaq, jekk xieraq, proposta aktar ristretta limitata għall-miżuri ta' simplifikazzjoni amministrattiva li huma kompatibbli bis-sħiħ mal-qafas internazzjonali***;

Or. en

Emenda 104
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD; ***jinnota n-nuqqas ta' progress fil-Kunsill dwar dan il-fajl leġiżlattiv u l-fatt li n-negozjati għadhom imblukkati;***

Or. en

Emenda 105
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, ***minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli*** tat-Tieni Pilastru ***tal-OECD***;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, ***bl-għan li tivvaluta u tindirizza kwalunkwe inkonsistenza fir-rigward tal-obbligi għall-MNEs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas*** tat-Tieni Pilastru;

Or. en

Emenda 106
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;	9. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-proposta tagħha għall-BEFIT ***u tirtiraha***, minħabba l-inkompatibbiltajiet fundamentali tagħha mar-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD;

Or. en

Emenda 107
Pierre Pimpie, Tomáš Kubín, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar l-implimentazzjoni tas-sistema SbS bħala port sikur skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, aktar milli permezz ta' proċess leġiżlattiv xieraq;	10. Jinsab imħasseb dwar l-implimentazzjoni tas-sistema SbS bħala port sikur skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, aktar milli permezz ta' proċess leġiżlattiv xieraq; ***jinsisti li kwalunkwe bidla materjali fl-obbligi tal-Istati Membri jew tal-kumpaniji skont id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru għandha ssir permezz tal-proċedura leġiżlattiva xierqa, b'rispett shiħ għar-rekwiżit tal-unanimità fi kwistjonijiet tat-taxxa;***

Or. en

Emenda 108
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar l-implimentazzjoni tas-sistema SbS bħala port sikur skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva	10. Jinsab imħasseb dwar l-implimentazzjoni tas-sistema SbS bħala port sikur skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva

dwar it-Tieni Pilastru, aktar milli permezz ta' proċess leġiżlattiv xieraq;	dwar it-Tieni Pilastru, aktar milli permezz ta' proċess leġiżlattiv xieraq; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-pressjoni politika mill-Istati Uniti rriżultat f'arranġament li jirriskja li jimmina l-kundizzjonijiet ekwi globali u l-effettività tal-qafas tat-taxxa minima globali;***

Or. en

Emenda 109
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota li l-Istati Membri se japplikaw id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru minn dati differenti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw it-traspożizzjoni sħiħa tad-direttiva ***biex itaffu r-riskji li jirriżultaw mid-dipendenza reċiproka fuq id-deċiżjonijiet tat-taxxa maħruġa mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali***;	11. Jinnota li l-Istati Membri se japplikaw id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru minn dati differenti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw it-traspożizzjoni sħiħa tad-direttiva;

Or. en

Emenda 110
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 111
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar;	12. ***Jenfasizza li l-piż amministrattiv impost mit-Tieni Pilastru kemm fuq in-negozji kif ukoll fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jirriskja li jegħleb il-benefiċċji tad-dħul tiegħu għall-Istati Membri iżgħar;*** jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar***, eż. billi tintroduċi perkors ta' konformità simplifikat għall-kumpaniji taħt limitu ta' dħul definit u billi tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar li jikkoinċidu***;

Or. en

Emenda 112
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar; ***jenfasizza li l-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru ma tridx tippenalizza inċentivi fiskali nazzjonali leġittimi għall-innovazzjoni u r-R&Ż, bħal primjums għar-riċerka; jistieden lill-Kummissjoni tinsisti fi ħdan l-OECD fuq portijiet sikuri permanenti u***

sempliċi biex jiġu protetti postijiet kompetittivi mil-lat tan-negozju;

Or. en

Emenda 113
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibdew negozjati fi ħdan l-OECD biex jesploraw aktar opportunitajiet ta' simplifikazzjoni;***

Or. en

Emenda 114
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora ***u timplimenta b'mod rapidu*** miżuri ta' simplifikazzjoni***, bħall-portijiet sikuri u proċeduri ta' preżentazzjoni ssimplifikata,*** biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni ***u tal-monitoraġġ sever*** tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri iżgħar;

Or. en

Emenda 115
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ***ta' Stati Membri iżgħar***;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri ta' simplifikazzjoni biex ittaffi l-piż tal-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa;

Or. en

Emenda 116
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-unanimità fi kwistjonijiet tat-taxxa qiegħda timblokka progress sinifikattiv lejn qafas tat-taxxa korporattiva armonizzat u aktar ġust, inkluż dwar l-armonizzazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva, it-tassazzjoni minima u t-tassazzjoni tal-kumpaniji diġitali; jenfasizza li din is-sitwazzjoni ppermettiet kompetizzjoni tat-taxxa dannuża u distorsjonijiet tas-suq intern fl-Unjoni, li jiffavorixxu intrapriżi multinazzjonali kbar għad-detriment tal-baġits pubbliċi u l-SMEs; jistieden lill-Kunsill u lill-Kunsill Ewropew iħallu warajhom l-unanimità fi kwistjonijiet tat-taxxa billi jagħmlu użu mill-klawżoli "passerelle" previsti fit-Trattati, inklużi miżuri kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, il-kooperazzjoni amministrattiva, it-trasparenza fiskali u kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-funzjonament xieraq

tas-suq intern; jinnota li tali possibbiltà qatt ma ntużat fil-qasam tat-tassazzjoni;

Or. en

Emenda 117
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva permezz tal-armonizzazzjoni mhux biss se jnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż tal-konformità u l-piż amministrattiv, iżda joħloq ukoll kundizzjonijiet ekwi għan-negozji li joperaw fis-Suq Uniku, jinkoraġġixxi l-espansjoni, isaħħaħ iċ-ċertezza legali u jistimula l-investimenti u t-tkabbir fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tibqa' attiva fit-trawwim ta' miżuri simili għall-BEFIT għall-armonizzazzjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva u għall-konsolidazzjoni, potenzjalment permezz ta' approċċ pass pass;

Or. en

Emenda 118
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teskludi s-self għall-kostruzzjoni, it-trasformazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' bini għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali

mir-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax tal-ATAD;

Or. en

Emenda 119
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jiċħad il-proposta għal Riżorsa Korporattiva għall-Ewropa (CORE);

Or. en

Emenda 120
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali aġġornat dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar effiċjenti u demokratiku fil-politika tat-tassazzjoni tal-UE, bil-ħsieb li nimxu lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'oqsma definiti tal-politika tat-tassazzjoni, u tivvaluta b'mod sistematiku l-użu tal-Artikolu 116 tat-TFUE fejn regoli tat-taxxa nazzjonali diverġenti joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq intern u ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim; jistieden ukoll lill-Istati Membri li jixtiequ jużaw il-kooperazzjoni msaħħa fejn l-unanimità tipprevjeni l-progress f'inizjattivi tat-taxxa li ilhom pendenti;

Or. en

Emenda 121
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Ifakkar li l-miżuri tat-trasparenza fiskali, inkluż ir-Rapportar pubbliku għal kull Pajjiż (pCBCR), jikkontribwixxu għal kompetizzjoni ġusta, isaħħu l-obbligu ta' rendikont korporattiv u jipprovdu ċertezza akbar għall-investituri; jisħaq li ż-żieda fit-trasparenza tgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku li jsaħħu l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni għal investiment sod u sostenibbli;

Or. en

Emenda 122
Arba Kokalari, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Ifakkar fl-importanza tal-Prinċipju ta' Darba Biss, fejn l-awtoritajiet tat-taxxa li diġà jirċievu informazzjoni skont direttiva waħda ma għandhomx jerġgħu jitolbu l-istess entità f'forma differenti dment li t-talba addizzjonali ma jkollhiex skop ċar ta' infurzar;

Or. en

Emenda 123

Arba Kokalari, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tat-taxxa hija waħda mir-raġunijiet għaliex id-ditti tal-UE jiffaċċjaw kostijiet oġħla meta jespandu u jeskalaw f'pajjiżi oħra, jiġġeneraw il-kapital, jew jistrutturaw l-investiment fis-Suq Uniku;

Or. en

Emenda 124
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-istat tal-ġlieda kontra ***l-prattiki dwar it-taxxa dannużi***	L-istat tal-ġlieda kontra ***l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa***

Or. en

Emenda 125
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-istat tal-ġlieda kontra l-prattiki dwar it-taxxa dannużi	***L-istatus tal-kooperazzjoni amministrattiva globali fi kwistjonijiet ta' tassazzjoni***

Or. en

Emenda 126
Enikő Győri, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' l-kontribut tat-Tieni Pilastru biex jitnaqqas l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li japplikaw rati tat-taxxa korporattiva effettivi baxxi ħafna u għall-introduzzjoni ta' taxxi kumplimentari minimi domestiċi kwalifikati f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, li jirrappreżentaw pass kbir lejn il-prevenzjoni tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa tal-MNEs;	13. Jilqa' l-kontribut tat-Tieni Pilastru biex jitnaqqas l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li japplikaw rati tat-taxxa korporattiva effettivi baxxi ħafna u għall-introduzzjoni ta' taxxi kumplimentari minimi domestiċi kwalifikati f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, li jirrappreżentaw pass kbir lejn il-prevenzjoni tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa tal-MNEs; ***jisħaq, madankollu, li kompetizzjoni ġusta u b'saħħitha fil-qasam tat-taxxa fost l-Istati Membri tal-UE tibqa' element importanti tas-suq intern u tikkontribwixxi għall-kompetittività globali tal-Unjoni billi toħloq ambjent favorevoli għan-negozju; jissottolinja li l-preżervazzjoni ta' biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta tgħin biex tinżamm l-attraenza tal-Unjoni bħala post għall-attività tan-negozju u l-innovazzjoni, u b'hekk tappoġġja ż-żamma tal-kumpaniji, l-investiment, l-impjiegi b'ħiliet għolja u l-industriji strateġiċi fl-UE;***

Or. en

Emenda 127
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' l-kontribut tat-Tieni Pilastru biex jitnaqqas l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li japplikaw rati tat-taxxa korporattiva effettivi baxxi ħafna u għall-introduzzjoni ta' taxxi kumplimentari minimi domestiċi	13. Jilqa' l-kontribut tat-Tieni Pilastru biex jitnaqqas l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li japplikaw rati tat-taxxa korporattiva effettivi baxxi ħafna u għall-introduzzjoni ta' taxxi kumplimentari minimi domestiċi

kwalifikati f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, li jirrappreżentaw pass kbir lejn il-prevenzjoni tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa tal-MNEs;	kwalifikati f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, li jirrappreżentaw pass kbir lejn il-prevenzjoni tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa tal-MNEs; ***jesprimi dispjaċir li, minkejja l-azzjoni regolatorja f'dawn l-aħħar għaxar snin, it-trasferiment tal-profitti lejn ġuriżdizzjonijiet b'rata baxxa ta' taxxa għadu prattika mifruxa fost intrapriżi multinazzjonali kbar, u ftit li xejn juri sinjali ta' tnaqqis; ifakkar li fil-kuntest internazzjonali attwali, huwa essenzjali li jiġu mmonitorjati forom emerġenti ta' kompetizzjoni tat-taxxa dannuża, inklużi dawk li jirriżultaw minn konċessjonijiet inkorporati fil-qafas tat-Tieni Pilastru u mit-trattament tal-krediti tat-taxxa[3a];***
	[3a] https://taxjustice.net/reports/the-state-of-tax-justice-2025/
	Or. en

Emenda 128
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' l-kontribut tat-Tieni Pilastru biex jitnaqqas l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li japplikaw rati tat-taxxa korporattiva effettivi baxxi ħafna u għall-introduzzjoni ta' taxxi kumplimentari minimi domestiċi kwalifikati f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, li jirrappreżentaw pass kbir lejn ***il-prevenzjoni tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa tal-MNEs***;	13. Jilqa' l-kontribut tat-Tieni Pilastru biex jitnaqqas l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet li japplikaw rati tat-taxxa korporattiva effettivi baxxi ħafna u għall-introduzzjoni ta' taxxi kumplimentari minimi domestiċi kwalifikati f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, li jirrappreżentaw pass kbir lejn ***l-istabbiliment ta' ċertezza globali għall-kontribwenti korporattivi u lejn koopoerazzjoni amministrattiva aktar effettiva***;
	Or. en

Emenda 129
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni internazzjonali biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa;	14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni internazzjonali biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa; ***jisħaq fuq il-fatt li t-telf ta' dħul fiskali qed jintrabat dejjem aktar mal-kumpaniji ta' pajjiżi terzi li joperaw fis-suq uniku mingħajr kontribuzzjoni fiskali ndaqs, fatt li jxekkel il-kompetizzjoni għad-detriment tal-kumpaniji Ewropej;***

Or. el

Emenda 130
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni internazzjonali biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa;***	14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali;

Or. en

Emenda 131

Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; ***jistieden*** lill-Kummissjoni ***u lill-Istati*** Membri ***jintensifikaw il-kooperazzjoni*** internazzjonali biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa;	14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; ***iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tassumi rwol aktar proattiv u ambizzjuż, flimkien mal-Istati*** Membri***, biex isaħħu l-kooperazzjoni*** internazzjonali ***u jmexxu 'l quddiem miżuri effettivi*** biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa;

Or. en

Emenda 132
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni internazzjonali biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa;	14. Jinnota li t-telf fid-dħul stmat li jirriżulta mill-istrateġiji tal-BEPS mill-MNEs għadu sostanzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jikkoordinaw il-miżuri kontra l-abbuż u*** jintensifikaw il-kooperazzjoni internazzjonali biex jindirizzaw din l-isfida u jissalvagwardjaw id-dħul domestiku tagħhom mit-taxxa;

Or. en

Emenda 133
Enikő Győri, Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li ġlieda effettiva kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar aggressiv tat-taxxa tibqa' essenzjali għas-salvagwardja tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri u għat-tisħiħ tal-fiduċja fis-sistemi tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni amministrattiva, itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u jippromwovu mekkaniżmi effettivi u effiċjenti għall-ġbir tat-taxxa fl-Unjoni; jissottolinja li sistemi tat-taxxa li jiffunzjonaw tajjeb u infurzabbli huma meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji, jitnaqqsu d-distorsjonijiet fis-suq intern u jiġi żgurat dħul pubbliku sostenibbli filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi sproporzjonati għal kontribwenti konformi;

Or. en

Emenda 134
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jesprimi dispjaċir għall-irtirar tal-proposta tal-Kummissjoni dwar it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, l-ipprezzar ta' trasferiment, l-UNSHELL, li tippermetti votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata dwar kwistjonijiet tekniċi jew mhux sensittivi tal-VAT, u l-allowances għat-tnaqqis tal-predispożizzjoni favur id-dejn (DEBRA) mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni taċċellera l-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-evażjoni, l-evitar u l-

ippjanar aggressiv tat-taxxa, kif ukoll tressaq il-proposta għall-pubblikazzjoni annwali tar-rata tat-taxxa korporattiva effettiva ta' ċerti kumpaniji kbar, kif previst fil-Komunikazzjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21[4a];

[4a] https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2021-05/communication_on_business_taxation_for_the_21st_century.pdf

Or. en

Emenda 135
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar li, hekk kif jiġi implimentat it-Tieni Pilastru, huwa importanti li jiġu mmonitorjati forom ġodda ta' kompetizzjoni tat-taxxa dannuża li jistgħu jiżviluppaw, b'mod partikolari bħala riżultat ta' konċessjonijiet inkorporati fil-qafas, kif ukoll it-trattament ta' ċerti inċentivi tat-taxxa[16a];

[16a] Osservatorju Ewropew tat-Taxxa, Global Tax Evasion Report 2024 (Rapport dwar l-Evażjoni tat-Taxxa Globali 2204), p. 36; il-Kummissjoni Ewropea, Rapport Annwali dwar it-Taxxa 2025, p. 94. Osservatorju Ewropew tat-Taxxa, Global Tax Evasion Report 2024 (Rapport dwar l-Evażjoni tat-Taxxa Globali 2204), p. 52-54

Or. en

Emenda 136
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ċerti Stati Membri qegħdin ikomplu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u joperaw bħala rifuġji fiskali fl-UE permezz ta' reġimi preferenzjali, tassazzjoni effettiva baxxa tal-profitti korporattivi u skemi li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; jisħaq li l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża fl-Unjoni tfixkel is-suq intern, iddgħajjef il-ġustizzja u tpoġġi l-piż tat-taxxa fuq il-ħaddiema, l-unitajiet domestiċi u l-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw kriterji oġġettivi u konsistenti għal prattiki dwar it-taxxa dannużi kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, u jistabbilixxu kontromiżuri kredibbli; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw l-implimentazzjoni tar-reviżjoni tal-2022 tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi fil-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa fl-UE u barra minnha u fit-trażżin ta' prattiki tat-taxxa dannużi; jitlob riforma biex jissaħħu l-mandat, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-mekkaniżmi ta' segwitu tiegħu;

Or. en

Emenda 137
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Ifakkar fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar ir-riforma tal-lista tal-UE tar-rifuġji fiskali u dwar ir-riforma tal-politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi (inkluża r-riforma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta), jistieden lill-Kunsill iniedi mill-ġdid id-diskussjonijiet dwar riforma komprensiva tal-Kodiċi u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament; [17a]
	[17a] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar ir-riforma tal-lista ta' rifuġji fiskali tal-UE; ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar riforma tal-politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi (inkluż ir-riforma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta).

Or. en

Emenda 138
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jinnota li t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali ġġeneraw profitti sinifikanti mhux mistennija f'ċerti setturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li dan il-qligħ straordinarju jiġi ntaxxat b'mod ġust u effettiv, u jindirizzaw it-trasferiment transfruntier ta' profitti mhux mistennija li jimmina d-dhul mit-taxxa u b'hekk joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 139
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jisħaq li ***l-istrumenti żviluppati internazzjonalment huma*** effettivi ***biss sakemm ikunu appoġġjati minn ftehim globali ġenwin u*** implimentazzjoni ***effettiva***;	15. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jisħaq li ***ċerti strumenti, bħat-tqassim skont formula speċifika u t-taxxi fuq is-servizzi diġitali, jistgħu jibqgħu*** effettivi ***anke fin-nuqqas ta'*** implimentazzjoni ***universali***;

Or. en

Emenda 140
Jussi Saramo, Pasquale Tridico, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jisħaq li l-istrumenti żviluppati internazzjonalment ***huma effettivi biss sakemm ikunu appoġġjati minn ftehim*** globali ***ġenwin u implimentazzjoni effettiva;***	15. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jisħaq li l-istrumenti żviluppati internazzjonalment ***jirrappreżentaw l-aktar qafas ambizzjuż u strutturalment sod disponibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi*** globali ***tat-taxxa.***

Or. en

Emenda 141
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-bilanċ kummerċjali tas-servizzi diġitali tal-UE xaqleb drastikament lejn ġuriżdizzjonijiet oħra fejn it-teknoloġija diġitali u l-fornituri tas-servizzi tal-cloud espandew b'mod rapidu; jirrimarka li din il-bidla qed toħloq sfida sinifikanti għas-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri u tirrikjedi reviżjoni tar-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni;	16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-bilanċ kummerċjali tas-servizzi diġitali tal-UE xaqleb drastikament lejn ġuriżdizzjonijiet oħra fejn it-teknoloġija diġitali***, l-intelliġenza artifiċjali*** u l-fornituri tas-servizzi tal-cloud espandew b'mod rapidu***, u dan żied il-konċentrazzjoni tas-setgħa ekonomika u tal-profitti taxxabbli f'għadd żgħir ta' kumpaniji diġitali multinazzjonali li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-Unjoni***; jirrimarka li din il-bidla qed toħloq sfida sinifikanti għas-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri u tirrikjedi reviżjoni tar-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċ koordinat għall-allokazzjoni tad-drittijiet ta' intaxxar fl-ekonomija diġitali u tal-IA, bl-għan li jevitaw it-trasferiment tal-profitti u li jiżguraw li l-profitti u r-redditi ġenerati mill-utenti, id-data u n-negozji tal-UE jiġu intaxxati b'mod ekwu fejn ikun inħoloq il-valur;***

Or. en

Emenda 142
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-bilanċ kummerċjali tas-servizzi diġitali tal-UE xaqleb drastikament lejn ġuriżdizzjonijiet oħra fejn it-teknoloġija diġitali u l-fornituri tas-servizzi tal-cloud espandew b'mod rapidu; ***jirrimarka li din il-bidla qed toħloq sfida sinifikanti għas-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri u tirrikjedi reviżjoni tar-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni;***	16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-bilanċ kummerċjali tas-servizzi diġitali tal-UE xaqleb drastikament lejn ġuriżdizzjonijiet oħra fejn it-teknoloġija diġitali u l-fornituri tas-servizzi tal-cloud espandew b'mod rapidu;

Or. en

Emenda 143
Regina Doherty, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-bilanċ kummerċjali tas-servizzi diġitali tal-UE xaqleb drastikament lejn ġuriżdizzjonijiet oħra fejn it-teknoloġija diġitali u l-forniturи tas-servizzi tal-cloud espandew b'mod rapidu; jirrimarka li din il-bidla ***qed toħloq sfida sinifikanti għas-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri u tirrikjedi reviżjoni tar-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni***;	16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-bilanċ kummerċjali tas-servizzi diġitali tal-UE xaqleb drastikament lejn ġuriżdizzjonijiet oħra fejn it-teknoloġija diġitali u l-forniturи tas-servizzi tal-cloud espandew b'mod rapidu; jirrimarka li din il-bidla ***tenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali kontinwa biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tat-taxxa, tiġi evitata t-tassazzjoni doppja u jiġi pprovdut ambjent stabbli għall-investiment, l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku***;

Or. en

Emenda 144
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-ħolqien ta' mekkaniżmu Ewropew ta' allokazzjoni tal-obbligi fiskali għas-servizzi diġitali u online pprovduti minn kumpaniji ta' pajjiżi terzi lil konsumaturi u negozji fi ħdan l-Unjoni;

Or. el

Emenda 145
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jitlob l-istabbiliment ta' regoli uniformi għall-prevenzjoni tat-trasferimenti artifiċjali tal-profitti 'l barra mill-Unjoni permezz ta' tranżazzjonijiet intragrupp, drittijiet tal-proprjetà intellettwali u servizzi diġitali pprovduti minn kumpaniji affiljati stabbiliti f'pajjiżi terzi;

Or. el

Emenda 146
Jussi Saramo, Martin Schirdewan, Pasquale Tridico, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali*** fuq is-servizzi diġitali***, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet***;	17. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati multilaterali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni taħt l-Ewwel Pilastru waqfu mingħajr prospett ta' konklużjoni fuq terminu qasir, u li l-kwistjoni tat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali baqgħet mhux solvuta mill-2018 'l hawn minkejja sforzi sostnuti mill-UE u s-sħab tagħha; iqis li n-nuqqas ta' progress sinifikattiv fil-livell multilaterali ma għandux jiddifferixxi l-azzjoni tal-UE biex tiżgura li d-dħul mill-ekonomija diġitali ġġenerat fis-suq intern tagħha jiġi ntaxxat b'mod ġust u konsistenti; jistieden lill-Kummissjoni tressaq mingħajr aktar dewmien proposta ġdida għal taxxa*** fuq is-servizzi diġitali ***fl-UE kollha, sabiex tissalvagwardja l-bażi tad-dħul tal-Istati Membri u tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi bejn il-mudelli kummerċjali diġitali u tradizzjonali; jinnota li taxxa fuq is-servizzi diġitali fl-UE kollha ta' 5 % ġiet stmata li tiġġenera***

EUR 37,5 biljun fi dħul annwali għall-2026, ċifra li tkun mistennija li tikber b'mod sinifikanti fis-snin sussegwenti, li tirrappreżenta kontribut sostanzjali u li qed jiżdied għall-kapaċità fiskali tal-UE fi żmien ta' ħtiġijiet akbar ta' finanzjament pubbliku;

Or. en

Emenda 147
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, ***li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet***;	17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, ***madankollu, sakemm jiġi żviluppat u implimentat qafas multilaterali komprensiv li jiżgura allokazzjoni ġusta tad-drittijiet ta' tassazzjoni fuq l-intrapriżi multinazzjonali li joperaw f'bosta ġuriżdizzjonijiet, jafferma mill-ġdid id-dritt sovran tal-Istati li jadottaw miżuri unilaterali temporanji biex jipproteġu u jippreżervaw il-bażijiet tat-taxxa tagħhom, inklużi taxxi fuq is-servizzi diġitali, filwaqt li jirrikonoxxi li parteċipazzjoni internazzjonali usa' f'tali miżuri tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni għal azzjonijiet unilaterali ta' ritaljazzjoni***;

Or. en

Emenda 148
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet;	17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet; ***jissottolinja, madankollu, li sakemm ftehim globali komprensiv u vinkolanti taħt l-Ewwel Pilastru jkun kompletament operattiv, dawn it-taxxi nazzjonali fuq is-servizzi diġitali jibqgħu strument ġustifikat u essenzjali għall-Istati Membri biex jiżguraw li n-negozji diġitali kollha jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-baġits nazzjonali;***

Or. en

Emenda 149
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet;	17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet; ***jissottolinja li tassazzjoni ġusta u effettiva tal-ekonomija diġitali tibqa' essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jiġi ssalvagwardjat id-dħul pubbliku;***

Or. en

Emenda 150
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward ***it-taxxi*** unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet;	17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward ***is-soluzzjonijiet taħt l-Ewwel Pilastru u t-taxxi*** unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet;

Or. en

Emenda 151
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' ***l-fatt li l-Istati Uniti huma miftuħa għal*** djalogu dwar dawn il-kwistjonijiet;	17. Jieħu nota tat-tħassib tal-Istati Uniti rigward it-taxxi unilaterali fuq is-servizzi diġitali, li huma meqjusin diskriminatorji fil-konfront tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti; jilqa' djalogu ***kostruttiv bejn l-UE u l-Istati Uniti*** dwar dawn il-kwistjonijiet;

Or. en

Emenda 152
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa	***imħassar***

doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jifthu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 153
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jifthu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali;	18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jifthu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali***, dment li kwalunkwe soluzzjoni tirrispetta l-prinċipju tas-sustanza ekonomika u ma tiżvantaġġjax b'mod arbitrarju lill-ekonomiji miftuħa iżgħar***;

Or. en

Emenda 154
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali ***jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u*** jirriskjaw li jifthu l-bieb għal miżuri ta'	18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali ***jistgħu*** jirriskjaw li jifthu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, ***filwaqt li jfakkar li l-ftehimiet dwar it-taxxa doppja jibqgħu strument ċentrali għall-***

ritaljazzjoni, ***u li għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun*** soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali;	***prevenzjoni tat-taxxa doppja u l-preżervazzjoni taċ-ċertezza legali; jisħaq li kwalunkwe*** soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali ***trid tkun ibbażata fuq kunsens wiesa' u implimentazzjoni effettiva mill-ekonomiji ewlenin kollha***;

Or. en

Emenda 155
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jiftħu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali;	18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jiftħu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali ***li tibni soluzzjoni fuq bażi usa'***;

Or. en

Emenda 156
Regina Doherty, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jiftħu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li ***għalhekk ikun ideali kieku l-pass li jmiss tkun*** soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali;	18. Huwa tal-fehma li l-miżuri unilaterali jew il-ftehimiet dwar it-taxxa doppja ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi globali tat-taxxa u jirriskjaw li jiftħu l-bieb għal miżuri ta' ritaljazzjoni, u li soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali ***hija l-unika triq effettiva 'l quddiem***;

Or. en

Emenda 157
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq, madankollu, li fin-nuqqas ta' soluzzjoni globali, il-miżuri reġjonali jew unilaterali jista' jkollhom rwol x'jaqdu fl-iżgurar ta' ġustizzja fiskali akbar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tal-UE dwar it-tassazzjoni ġusta tal-ekonomija diġitali fid-dawl tal-iżviluppi politiċi reċenti fil-qafas tat-Tieni Pilastru tal-OECD; jappella għal kunsiderazzjoni mġedda ta' imposta diġitali tal-UE li tiżgura approċċ komuni rigward it-tassazzjoni tas-settur diġitali, issaħħaħ il-kompetittività globali tal-UE billi tistabbilixxi ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi għan-negozji diġitali li joperaw fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 158
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq fuq il-fatt li kwalunkwe ftehim internazzjonali futur dwar il-koperazzjoni fiskali għandu jinkludi klawżoli ta' reċiproċità sabiex il-kumpaniji ta' pajjiżi terzi li jgawdu aċċess għas-suq uniku jkunu soġġetti għal

	obbligi fiskali ekwivalenti għal dawk applikati fuq il-kumpaniji tal-Unjoni;

Or. el

Emenda 159
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jieħu nota tan-negozjati*** li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali;	19. ***Jilqa' n-negozjati*** li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali; ***huwa tal-fehma li din il-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Taxxa għandha titfassal bl-għan li tiżgura diviżjoni ekwa tad-drittijiet tat-tassazzjoni bejn l-istati nazzjon, u, filwaqt li tqis kif xieraq is-sovranità fiskali nazzjonali, tappoġġja l-isforzi biex jiġu indirizzati l-prattiki tat-taxxa dannużi u l-flussi finanzjarji illeċiti; jisħaq, f'dan il-kuntest, li l-UE għandu jkollha rwol proattiv biex tippermetti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jimmobilizzaw ir-riżorsi nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' governanza fiskali msaħħa, u li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti;***

Or. en

Emenda 160
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

19. Jieħu nota tan-negozjati li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa***, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali***;	19. Jieħu nota ***bi tħassib*** tan-negozjati li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa***; jopponi bil-qawwa abbozzi ta' dispożizzjonijiet, bħall-Artikolu 5, li jistgħu jiġu interpretati bħala li jirrikjedu n-negozjar mill-ġdid obbligatorju ta' ftehimiet bilaterali eżistenti dwar it-taxxa, u b'hekk jimminaw iċ-ċertezza legali li ilha teżisti***; ***jirrifjuta kwalunkwe qafas internazzjonali tat-taxxa li jgħaddi minn teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq il-kunsens lejn votazzjoni b'maġġoranza sempliċi;***
	Or. en

Emenda 161
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jieħu nota tan-negozjati*** li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li ***jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali***;	19. ***Jilqa' n-negozjati*** li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li ***jistabbilixxu kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa kompletament inklużiva, u joħolqu sistema internazzjonali tat-taxxa ġusta, trasparenti, effiċjenti, ekwa u effettiva għall-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fil-proċess minkejja l-ħidma mwettqa fl-OECD***;
	Or. en

Emenda 162
Pierre Pimpie, Tomáš Kubín, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jieħu nota tan-negozjati li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali;	19. Jieħu nota tan-negozjati li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali; ***jenfasizza li kwalunkwe proċess immexxi min-NU għandu jikkomplementa, u mhux jidduplika jew jimmina, l-istandards eżistenti tal-OECD/G20, għandu jippreżerva ċ-ċertezza legali u ma għandux joħloq obbligi konfliġġenti għall-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jew in-negozji;***

Or. en

Emenda 163
Jussi Saramo, Martin Schirdewan, Pasquale Tridico, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jieħu nota tan-negozjati*** li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali;	19. Jilqa' n-negozjati li għaddejjin fil-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-qasam tat-taxxa f'kuntest globali;

Or. en

Emenda 164
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw pożizzjoni unifikata f'fora multilaterali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-interessi tagħhom f'fora bħal dawn;	20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw pożizzjoni unifikata f'fora multilaterali ***fejn xieraq, filwaqt li jżommu d-dritt individwali tagħhom li jinnegozjaw u jivvutaw b'mod indipendenti f'konformità mal-interessi nazzjonali; jirrifjuta bil-qawwa kwalunkwe tentattiv biex il-kompetenza esterna esklużiva fi kwistjonijiet tat-taxxa tiġi ttrasferita lill-Kummissjoni***; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri ***fuq talba*** biex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-interessi tagħhom f'fora bħal dawn;
	Or. en

Emenda 165
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw pożizzjoni unifikata f'fora multilaterali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-interessi tagħhom f'fora bħal dawn;	20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw pożizzjoni unifikata f'fora multilaterali ***li tirrifletti l-interessi tal-UE, tissimplifika l-obbligi tat-tassazzjoni u tiżgura l-koerenza fi ħdan il-qafas tat-taxxa internazzjonali***; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-interessi tagħhom f'fora bħal dawn;
	Or. en

Emenda 166
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw ***pożizzjoni unifikata*** f'fora multilaterali; ***jistieden*** ukoll lill-Kummissjoni ***tassisti*** lill-Istati Membri ***biex jirrappreżentaw*** b'mod effettiv ***l-interessi tagħhom*** f'fora bħal dawn;	20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw ***pożizzjonijiet ambizzjużi*** f'fora multilaterali; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni ***tieħu rwol aktar proattiv u ambizzjuż biex tirrappreżenta*** lill-Istati Membri b'mod effettiv f'fora bħal dawn;

Or. en

Emenda 167
Katri Kulmuni, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw pożizzjoni unifikata f'fora multilaterali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-interessi tagħhom f'fora bħal dawn;	20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jippreżentaw pożizzjoni unifikata ***qawwija*** f'fora multilaterali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-interessi tagħhom f'fora bħal dawn;

Or. en

Emenda 168
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kunsill jersaq lejn l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'ċerti kwistjonijiet tat-taxxa korporattiva li jikkonċernaw il-

prevenzjoni tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, u għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar it-taxxa; jisħaq li n-nuqqas ta' aktar koordinazzjoni tat-taxxa jagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom f'ġirja detrimentali lejn l-aktar livell baxx, filwaqt li jxekklu wkoll l-attivitajiet ekonomiċi transfruntiera;

Or. en

Emenda 169
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal rapport annwali dwar id-distakk fiskali bejn il-kumpaniji tal-Unjoni u l-kumpaniji ta' pajjiżi terzi li joperaw fis-suq uniku, li jivvaluta l-impatt fuq il-kompetittività, l-investimenti u d-dħul pubbliku tal-Istati Membri, u tissuġġerixxi miżuri korrettivi fejn ikun meħtieġ;

Or. el

Emenda 170
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri kontra r-rifuġji fiskali internazzjonali billi jippromwovu t-trasparenza sħiħa tas-

sjieda benefiċjarja, jappoġġjaw l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, u jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' rata tat-taxxa korporattiva minima globali; iħeġġeġ l-istabbiliment ta' sanzjonijiet aktar b'saħħithom kontra ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx u jappella għal rekwiżiti msaħħa ta' rapportar għal kull pajjiż għall-intrapriżi multinazzjonali sabiex jiġu miġġielda l-evitar tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, u l-flussi finanzjarji illeċiti;

Or. en

Emenda 171
Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' sanzjonijiet aktar b'saħħithom kontra ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx u jappella għal rekwiżiti msaħħa ta' rapportar għal kull pajjiż għall-intrapriżi multinazzjonali sabiex jiġu miġġielda l-evitar tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti;

Or. en